# LEĠISLAZZJONI SUSSIDJARJA 425.01

## REGOLAMENTI DWAR IS-SAJD

25 ta' Mejju, 1934
23 ta' April, 1935

*IN-NOTIFIKAZZJONI TAL-GVERN 206 ta' l-1934, kif emendata bl-Avviżi Legali: 48 ta' l-1962, 19 ta' l-1964, 80 ta' l-1978, 58 ta' l-1979 u 154 ta' l-1993; u n-NOTIFIKAZZJONI TAL-GVERN 148 ta' l-1935, kif emendata bin-Notifikazzjoni tal-Gvern 481 ta' l-1936 u bl-Avviż tat-23.02.37, konsolidati.*

Titolu.

**1.** It-titolu ta' dawn ir-Regolamenti hu Regolamenti dwar is-Sajd.

Mezzi tas-sajd mingħajr liċenza.

**2.** Mingħajr ħsara għad-disposizzjonijiet tar-regolamenti 10 u 11 ta' dawn ir-Regolamenti, dawn il-għodod u mezzi tas-sajd li ġejjin jistgħu jiġu wżati mingħajr liċenza fiż-żminijiet kollha u fil-postijiet kolla:

(i) il-mezzi kollha ta' sajd tal-ħut bis-sunnara, bix-xlief, bil-gulpara u bil-ħiel;

(ii) il-foxxna;

(iii) in-nassi msejħin drajna, nassi tal-granċ, nassi tal-qarnit, u nassi ta' l-imrejjen;

(iv) il-koppijiet msejħin kopp tal-gambli, kopp tal-wiċċ, kopp tal-laċċi u kopp tal-lhud;

(v) il-għodod kollha ċkejkna tas-sajd li huma magħrufin bħala għodod tas-sajd u li ma humiex imsemmijin xort'oħra f'dawn ir-Regolamenti, bħalma huma id-delfinara, ganċ jew gaffa.

Liċenza biex jiġu wżati għodod tas-sajd.

**3.** Barra dawk li ġew imsemmija fir-regolament 2, għodda oħra li jintużaw għas-sajd jeħtieġu liċenza mid-Direttur tas-Sajd.

Projbizzjoni ta' użu ta' lampara. *N.G. 148 ta' l-1935, kif emendata bin-N.G. 481 ta l-1936 u l-Avviż tat-23.02.37, konsolidati.*

**4.** (1) Ma jistax isir użu mill-għodda tas-sajd magħrufa bl-isem ta' lampara fil-limiti ta' l-ibħra ta' Malta.

(2) Il-Prim Ministru jista', madankollu, jagħti ċertu numru ta' liċenzi għas-sajd bil-lampara kull meta jidhirlu li hu meħtieġ sabiex b'hekk ikun hawn provvista ta' ħut li tkun biżżejjed għall-popolazzjoni ta' Malta:

Iżda l-użu tal-lampara jista' jsir biss mhux anqas minn mil il-bogħod mix-xtut.

Post imfisser fil-liċenza.

**5.** Meta ma hemmx stabbilit f'dawn ir-Regolamenti, fil-liċenza għandu jkun hemm imfisser il-post u ż-żmien li fih il-għodda tas-sajd tista' tiġi wżata.

Liċenza għal skopijiet xjentifiċi.

**6.** Id-Direttur jista', għal skopijiet xjentifiċi, joħroġ liċenzi għall-użu ta' kull xorta ta' għodda f'kull post li jkun, ħlief f'dawk il-postijiet li huma msemmija fir-regolament 12.

Permessi speċjali għal postijiet tal-magħluq tal-ħut.

**7.** Id-Direttur jista', sabiex jerġgħu jitgħammru bil-ħut il-postijiet tal-magħluq tal-ħut, jagħti permessi speċjali lis-sid tal-magħluq biex jistad fil-postijiet li fihom ma jistax isir sajd, ħlief

dawk li huma msemmijin fl-artikoli 11 u 12, għal numru stabbilit ta' drabi fis-sena u taħt dawk il-kondizzjonijiet li jiġu mposti minn żmien għal żmien.

Irtirar ta' liċenza.

**8.** Id-Direttur ikollu s-setgħa li jagħti jew jirtira, mingħajr kumpens, kull liċenza, li jordna li jsiru tibdiliet f'kull għodda tas-sajd, jew li ma jħallix li jsir użu minnha, u li jagħmel kull tibdil fil-limiti ta' postijiet magħluqa u fiż-żminijiet stabbiliti għall-użu ta' kull għodda tas-sajd.

Validità ta' liċenzi.

**9.** Il-liċenzi taħt dawn ir-Regolamenti jkunu personali u jiswew sal-31 ta' Diċembru u għandhom jiġġeddu fl-1 ta' Jannar ta' kull sena.

Numru ta' liċenzi.

**10.** In-numru ta' liċenzi li joħorġu għal kull waħda mill-għodod tas-sajd ikun skond ma jidhirlu d-Direttur.

Projbizzjoni ta' sajd.

**11.** Is-sajd huwa strettament ipprojbit fil-bokka tad-drenaġġ f'Wied Għammieq ġewwa wesgħa ta' baħar immarkata fl-art minn żewġ pilatri tal-ġebel miżbugħin bl-aħmar imqiegħdin fiż-żewġt iġnub ta' fomm id-drenaġġ, wieħed fuq ix-xtajta tax-Xgħajra qrib Ras il-Ġebel u l-ieħor taħt is-sur ta' Rikażli u fuq in-naħa tal-baħar immarkata minn zewġ bagi. Ħadd ma jista' jiġbor mill-istess wesgħa ta' baħar kull xorta ta' frott il-baħar li jittiekel.

Sajd mhux permess f'ċerti postijiet.

**12.** Ebda sajd ma jista' jsir fid-Daħla tat-Tarzna jew wara l-Isla, jiġifieri f'dawk il-bnadi tal-Port il-Kbir għax-xlokk ta' linja miġbuda mill-Ponta ta' Sant'Anġlu sal-Ponta ta' l-Isla u minn hemm għat-tarf tal-Moll ta' Parlatorio lejn it-tramuntana u l-Għolja ta' Kordin, mingħajr permess speċjali tad-Direttur mogħti bil-kunsens tal-Prim Ministru.

Għodod tas-sajd f'dgħajjes.

**13.** Dawk in-nies li jġorru fid-dgħajsa tagħhom xi għodod tas-sajd jiqiesu, għall-finijiet ta' dawn ir-Regolamenti, li huma użaw dawn il-għodod.

Sajd bit-*trawlers*.

**14.** Ebda bastiment jew *trawler* li jimxi bl-istim jew b'mutur jew dgħajsa tal-qlugħ ma tista' tixħet jew tirmonka ebda xorta ta' xbiek ġewwa l-limiti tal-baħar ta' dawn il-Gżejjer; lanqas ma jista' jiġi wżat il-mezz ta' l-irmunkar bl-egħżula tal-ġbid bejn żewġ bastimenti (paranzi) ta' l-istim jew tal-mutur ġewwa dawn il-limiti ta' baħar.

It-tartarun.
*Emendat:*
*A.L. 58 ta' l-1979.*

**15.** Ħadd ma jista' jżomm jew juża tartarun mingħajr liċenza għall-użu tiegħu. Il-malji ta' dan l-ixbiek ma għandhomx ikunu inqas minn tmienja punt ħamsa millimetri ma' tul kull ġenb minn għoqda għal oħra, anki meta x-xbiek ikun imxarrab, u ċ-ċombiet tiegħu ma għandhomx jkunu hekk tqal li jġiegħlu s-sufri jgħoddsu fl-ilma.

Użu ta' tartarun fil-bajji.

**16.** Fil-bajji u daħliet tal-baħar, it-trufijiet tal-medda baħar li fiha jista' jiġi wżat it-tartarun ikunu 'l barra minn linja miġbuda bejn żewġ pilastri tal-ġebel imqegħdin quddiem xulxin f'ġenb wieħed u l-ieħor ta' dawn il-bajji u daħliet.

Baħar imqanqal.

**17.** F'ebda post ma jista' jiġi wżat it-tartarun meta l-baħar ikun mqanqal.

Telf ta' liċenza.

**18.** Il-liċenza għall-użu ta' tartarun tintilef wara t-tieni kundanna talli nkisru r-regolamenti dwar l-użu tat-tartarun.

**19.** Bl-iskop li jinqabad ħut li jpassi, d-Direttur jista' jagħti permess speċjali għal ċerti żminijiet stabbiliti għall-użu tat-tartarun f'postijiet tal-baħar fejn is-sajd b'dan l-ixbiek hu pprojbit, bil-kondizzjoni li ebda toqba ta' dan l-ixbiek ma tkun inqas minn ħamsa u għoxrin punt ħamsa millimetru kwadru.

Permessi speċjali.

**20.** Ħadd ma jista' jżomm jew juża gangmu mingħajr liċenza għall-użu tiegħu. Il-malji tax-xibka ma għandhomx ikunu inqas minn sitta punt ħamsa millimetru kwadru anki meta tkun ixarrba, u x-xibka ma għandha tkun f'ebda każ itwal minn tlieta punt wieħed metri, waqt li l-ħadida ta' fommu ma għandhiex tkun iktar minn wieħed punt ħamsa metri fit-tul u l-piż tax-xibka ma għandux ikun iktar minn dak tal-mudell ta' gangmu miżmum fl-uffiċċju tad-Direttur.

Il-gangmu.
*Emendat:*
*A.L. 58 ta' l-1979.*

**21.** Il-gangmu jista' jiġi wżat biss -

(*a*) mill-1 ta' Novembru sal-31 ta' Jannar; u

(*b*) 'l barra minn dawk il-postijiet fejn l-użu tat-tartarun hu pprojbit.

Użu tal-gangmu.

**22.** Ħadd ma jista' jżomm jew juża kopp tal-lasta mingħajr liċenza għall-użu tiegħu. Il-malji ta' dan il-kopp ma għandhomx ikunu inqas minn sitta punt ħamsa millimetru kwadru. Din il-għodda tkun ġeneralment taħt l-istess kondizzjonijiet bħal dawk għall-użu tal-gangmu.

Il-kopp tal-lasta.
*Emendat:*
*A.L. 58 ta' l-1979.*

**23.** It-terrieħa ma tistax tiġi wżata ġewwa l-bajji u l-portijiet, u ebda waħda mill-malji tagħha ma għandha tkun inqas minn ħamsa u għoxrin punt ħamsa millimetru kwadru.

It-terrieħa.
*Emendat:*
*A.L. 58 ta' l-1979.*

**24.** Il-pariti u l-għeżula ma jistgħux ikunu wżati mill-15 ta' Frar sal-15 ta' Lulju f'dawk il-postijiet fejn l-użu tat-tartarun hu pprojbit. Fil-Port il-Kbir u fil-Port ta' Marsamxett dawn iż-żewġ għodod tas-sajd ma jistgħux jiġu wżati fil-postijiet ipprojbiti fl-ebda żmien.

Pariti u għeżula.

**25.** Id-Direttur jista' jagħti permessi speċjali għall-użu ta' pariti u għeżula ġewwa postijiet ipprojbiti fil-każ li tidher il-passa ta' ħut imlaħħaq tax-xorta ta' inċova, sardin, pizzintun, plamtu, tumbrell jew kull xorta ta' ħut ieħor tal-wiċċ. Fil-permess għandu jkun hemm imfisser il-għamla sewwa tax-xbiek li għandu jiġi wżat għal hekk.

Permessi speċjali.

**26.** Il-postijiet tas-sajd bil-kannizzati għandhom jiġu mqassmin u mogħtijin kull sena bix-xorti taħt dawk il-kondizzjonijiet li d-Direttur jidhirlu li għandu jagħmel, u ħadd ma jkollu dritt li jixħet sufri għal dan is-sistema ta' sajd mingħajr ma jkollu liċenza.

Sajd bil-kannizzati.

**27.** Minkejja d-disposizzjoni tar-regolament 9 ta' dawn ir-Regolamenti, il-liċenza msemmija fir-regolament 26 ikollha effett matul il-perijodu li jibda fl-1 ta' Awissu tas-sena tal-ħruġ u li jispiċċa fil-31 ta' Jannar li jiġi minnufih wara dik is-sena, matul liema prijodu ebda persuna ħlief dik li jkollha liċenza ma tista' tistad ġewwa wesgħa ta' mija u tmenin metru mis-sufri tal-kannizzati tagħha.

Validità tal-liċenza.
*Emendat:*
*A.L. 48 ta' l-1962;*
*A.L. 19 ta' l-1964;*
*A.L. 80 ta' l-1978;*
*A.L. 58 ta' l-1979.*

**28.** Id-Direttur ikollu s-setgħa illi l-liċenzi imsemmija fir-

Limitazzjoni ta' liċenzi.

regolament 26 jinħargu biss lil persuni li huma sajjieda tas-sengħa.

Tunnari.

**29.** Jista' jingħata permess biex jinxeħtu tunnari madwar il-plajjiet ta' dawn il-Gżejjer skond dawk il-kondizzjonijiet li d-Direttur jidhirlu li għandu jimponi. Id-Direttur jista' ukoll jordna illi ebda xorta ta' sajd ieħor ma jista' jsir fil-post fejn tkun inxeħtet t-tunnara.

Żubruni.
*Emendat:*
*A.L. 58 ta' l-1979.*

**30.** F'kull tarf tat-tunnara, min-naħa li tħares lejn il-baħar, irid ikun hemm irmiġġat żubrun ta' tant daqs illi d-djametru tiegħu f'wiċċ l-ilma ma jkunx inqas minn metru u l-għoli tiegħu, minn fuq nett sa wiċċ l-ilma, metru punt ħamsa. Dan iż-żubrun għandu jkun immuntat b'qafas jew boċċa ta' djametru ta' tliet mitt millimetri mwaħħla ma' arblu; il-għoli, mill-quċċata tal-qafas jew boċċa sa wiċċ l-ilma ma għandux ikun inqas minn tnejn punt seba' ħamsa metri.

Irmiġġ ta' dgħajsa bil-lejl.
*Emendat:*
*A.L. 58 ta' l-1979.*

**31.** Mal-lejl, fix-xeħta li tħares lejn il-baħar ta' tunnari, jrid ikun hemm irmiġġata dgħajsa li turi żewġt idwal bojod weqfin wieħed fuq l-ieħor, metru bogħod minn xulxin, u mwaħħlin b'mod illi d-dawl ta' fuq ma jkunx inqas minn tlieta punt wieħed metri 'l fuq minn wiċċ l-ilma u ta' għamla li jkunu jidhru f'lejl mudlam b'ajru ċar mad-dawra kollha ta' l-orizzont f'bogħod ta' mhux inqas minn żewġ mili nawtiċi.

Postijiet fejn it-tunnari jistgħu jinxeħtu.

**32.** B'liċenza mid-Direttur, it-tunnari jkunu jistgħu jinxeħtu f'dan il-postijiet li ġejjin:

(*a*) il-Mellieħa;

(*b*) iċ-Ċirkewwa u d-Delli; u

(*ċ*) Għajn Tuffieħa u l-Ġnejna.

Jekk xi ħadd jagħmel il-ħsieb li jixħet it-tunnara f'xi post ieħor, għandu jaħmel domanda għal hekk lid-Direttur u dan jiddeċiedi jekk il-post jistax, bla xkiel, jiġi mikri għal dan l-iskop.

Irmiġġi.

**33.** Id-Direttur għandu s-setgħa li jagħti liċenzi għas-sajd f'postijiet riservati (irmiġġi).

Dawn il-liċenzi jistgħu jingħataw biss għal postijiet ġewwa wesgħat tal-baħar fejn l-użu tat-tartarun hu pprojbit u jkunu validi sa l-aħħar tas-sena li fiha jinħarġu.

Applikazzjoni għal liċenza.

**34.** Ma' l-applikazzjoni għal liċenza għas-sajd f'postijiet riservati (irmiġġi), għandu jkun hemm pjanta li turi l-post li għalih saret it-talba. L-applikazzjoni tintbagħat lid-Direttur li jiddeċiedi jekk il-post li ntalab ikunx jista', bla xkiel, jiġi mikri għal dan l-iskop.

Projbizzjoni ta' sajd.
*Emendat:*
*A.L. 58 ta' l-1979.*

**35.** Ebda persuna oħra ħlief min ikollu l-liċenza ma jkollha d-dritt tistad ġewwa tul ta' tmintax-il metru mis-sufri ta' l-irmiġġ bil-liċenza.

Nassi.
*Emendat:*
*A.L. 58 ta' l-1979.*

**36.** Barra minn dawk li huma msemmija fir-regolament 2, ħadd ma jista' juża nassi ġewwa bajji u portijiet jekk id-daqs tal-malji hu inqas minn ħamsa u għoxrin punt ħamsa millimetri wiesgħa.

L-inqas daqsijiet ta' ħut għall-bejgħ.

**37.** Ħadd ma jista' jbiegħ jew jixtri jew ikollu għandu fuq l-art ħut jew siċċ jew klamari li d-daqs tagħhom ikun inqas minn dak li

hemm stabbilit fil-lista preskritta fir-regolament 38, minbarra l-makku, is-srajdna u n-nemusa, li għalihom ma hemmx daqs stabbilit.

**38.** L-inqas daqsijiet ta' ħut, kejl tat-tul kollu, għandhom ikunu skond l-iskeda li ġejja:

Skeda ta' l-inqas daqsijiet.
*Sostitwit: A.L. 58 ta' l-1979.*

| | L-inqas daqs |
|---|---|
| Voparella u Vopa (*Box boops*) .................... | 90 millimetri |
| Arżnella u Munqara (Smaris vulgaris) ......... | 90 millimetri |
| Trija jew trilja ħamra (Mullus barbatus u Mullus sarmuletus) inkluża Triljetta ....... | 100 millimetru |
| Il-ħut l-ieħor ħlief dawk imsemmija fir-regolament 37 ...................................... | 115-il millimetru |
| *Cephalopods*, imkejla min-naħa ta' quddiem ta' l-għajn san-naħa ta' wara tal-ħuta: | |
| Siċċ .................................................. | 75 millimetri |
| Klamari ............................................. | 100 millimetru. |

**39.** Ħadd ma jista' jżomm jew juża l-għodda tas-sajd li hi magħrufa lokalment bl-isem ta' ħanżir mingħajr liċenza għall-użu tagħha.

Hanzir.

**40.** Ħadd ma jista' jżomm jew juża l-għodda tas-sajd li hi magħrufa bl-isem ta' ħġieġa mingħajr liċenza għall-użu tagħha.

Ħġieġa.

**41.** Ħadd ma jista' jiggangma għall-frott tal-baħar ħlief f'dawk il-postijiet tal-portijiet tal-Belt Valletta mogħtijin għal dawk iż-żminijiet li jkunu msemmijin u stabbiliti mid-Direttur, u ħadd ma jista' juża għal dan l-iggangmar għamla ta' għodod ħlief dawk li jkunu skond il-għamla permessi mid-Direttur.

Gangmu tal-frott.

**42.** Ħadd ma jista' jniżżel l-art jew iqiegħed għall-bejgħ, jew b'mod ieħor iżomm għandu fuq l-art, ebda frott tal-baħar, ħlief tamar, illi jkun anqas mill-kejl stabbilit mid-Direttur għal kull xorta ta' frott tal-baħar.

Frott tal-baħar.

**43.** Is-sajjieda u l-bejjiegħa kollha tal-frott tal-baħar għandhom ikunu pprovduti bil-kejl meħtieġ li jkollu l-marka tal-gvern.

Kejlijiet.

**44.** Il-kejl imsemmi fiż-żewġ regolamenti ta' qabel għandu jkun ta' għamla skond il-kampjun miżmum fl-uffiċċju tal-Pulizija fid-Dwana, u kull xorta ta' frott il-baħar li jitniżżel l-art jew jitqiegħed għall-bejgħ ma għandux ikun inqas mid-daqs li jkun hemm fuq il-kejl, u mmarkat għal kull waħda 1, 2, 3 u 4, kif imfissrin hawn isfel, jiġifieri:

Għamla ta' kejl.

| | Numru |
|---|---|
| Koċċli ............................................................... | 4 |
| Gandoffli ......................................................... | 3 |
| Dajni ............................................................... | 3 |
| Arzelli nigri ..................................................... | 2 |
| Arzell tal-Marsa ................................................ | 1 |
| Arzell Trapanis ................................................. | 1 |

| | |
|---|---|
| Lewż ............................................................... | 2 |
| Lewż tal-qoxra rqiqa ......................................... | 2 |
| Imxat ............................................................... | 1 |
| Maskli ............................................................ | 3. |

Imqass.

**45.** L-imqass jista' jiġi wżat biss sabiex bih jinġabar il-frott tal-baħar taħt dawk l-istess kondizzjonijiet li hemm magħmula għall-użu tal-gangmu tal-frott tal-baħar.

Trawwim ta' frott tal-baħar u kull ħut.
*Emendat: A.L. 154 ta' l-1993.*

**46.** Id-Direttur jista' jzomm riservati għalihom ċerti żoni fl-ibħra territorjali ta' Malta biex jitrawmu l-maskli u l-ostriki u ħut ieħor, ħut imġewnaħ, molluski u krustaċeji, u jista' għal dan l-iskop iwellihom għal ċertu żmien taħt skond il-kondizzjonijiet li jidhirlu.

Sajd ta' l-isponoż.

**47.** Il-permess għas-sajd ta' l-isponoż jista' jingħata biss skond dawk il-kondizzjonijiet li d-Direttur jidhirlu xierqa, u ebda sajd għall-isponoż ma jista' jsir mingħajr liċenza.

Dwal għas-sajd.

**48.** Ma jistax jingħata permess għall-użu tad-dwal għall-iskop ta' sajd ġewwa l-bajji u l-portijiet.

Skali.

**49.** Ebda ħut ma jista' jinżel l-art ħlief f'dawk l-iskali li jkunu avżati mid-Direttur.

Veleni u esplosivi.

**50.** Ħadd ma jista', sabiex jaqbad il-ħut, juża veleni jew kull sustanza oħra li hija velenuża għall-ħut; u lanqas ħadd ma jista' xjentement jiġbor mill-baħar jew iqiegħed għall-bejgħ, jew b'xi mod ieħor iżomm għandu ħut maqtul jew maqbud permezz ta' esplosivi jew b'veleni jew b'kull sustanza oħra li hija velenuża għall-ħut.

Kontravvenzjonijiet.
Kap. 9.

**51.** Barra mill-pieni li hemm mogħtija fil-Kodiċi Kriminali għall-kontravvenzjonijiet, kull min, mingħajr ma jkun ħati ta' kontravvenzjoni iktar serja, jikser l-projbizzjoni msemmija fir-regolament 50, meta jinsab ħati, jkollu l-ħut konfiskat.